# IL-LEJLA T-TOROQ

Ta' OLIVER FRIGGIERI

Il-lejla t-toroq mimlijin bħas-soltu
bin-nies imgħaġġla. Qiegħed ngħid li jridu
jagħtuna l-impressjoni li ħajjithom
qasira wisq biex tiġbor l-ideali
li għadhom kemm bdew jibnu.
Naf x'qed taħseb:
Il-ħajja tagħna t-tnejn hi twila żżejjed.

Jien nemmen bħalek għaliex ma' kull għodwa
insibni, bla ma rrid, quddiem ktieb oħxon
bil-folji vojta biex jimtlew. Fl-għaxija
ikolli nerġa' nisma' l-passi tiegħi
b'ritmu perfett u tqil qegħdin jiżdiedu
mexjin fil-kuritur ta' l-eżistenza.
Għajnejja dejjem jiġbdu biex insibu
il-kantuniera li tħallini nara
xi differenza.

Il-lejla t-toroq mimlijin bħas-soltu
bin-nies imgħaġġla. Jiena biss nistenna
iż-żmien, b'sabagħi jiċċaqlaq bejn xuftejja,
għaddej nervuż bil-mod il-mod minn ħdejja.